MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 298/2012

**AB**

**vs**

**CDE**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti zzewget lill-intimat fit-22 ta' Marzu 2004, certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat **Dok KM 1**;
2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;
3. Illi dan iz-zwieg tkissser irrimedjabbilment, u l-hajja konjugali ta' bejniethom saret impossibbli minhabba inkompatibilita ta' karattru;
4. Illi l-partijiet ilhom ghal dawn l-ahhar 7 snin *de facto* separati;

5. Illi nfethet medjazzjoni mir-rikorrenti u in vista taċ-ċirkostanzi il-medjazzjoni nghalqet b'**Digriet Nru: 2181/12** hawn anness u mmarkat **Dok KM 2** moghti minn din il-Qorti u ghalhekk qeghda ssir din il-kawza odjerna;

Talbet in vista tal-premess li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex previa kull dikjarazzjoni ohra mehtiega skond il-ligi:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti minhabba inkompatibilita' ta' karattru u ragunijiet ohra mputabbli lill-konvenut u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-intimat;
2. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet u tiddividi u tassenja l-assi appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti f'ishma indaqs bejn il-partijiet;
3. Tikkundanna lill-intimat jikkonsenja lir-rikorrenti l-beni parafernali taghha;
4. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra s-sentenza ta' din il-Qorti fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri ta' medjazzjoni kontra l-intimat, ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici ;

Rat li il-konvenut ma pprezentax ir-risposta ġuramentata tiegħu u b'hekk baqa' kontumaci f'din il-kawza;

Semghet lix-xhieda illi tressqu ;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti, il-provi li ġew prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat illi l-kawza tħalliet għas-sentenza għallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-qorti ghandha quddiemha kawza ta' divorzju bejn il-partijiet fejn l-attrici tikkontendi li z-zwieg taghha mal-intimat tat-22 ta' Marzu 2004[1] tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba inkompatibilita' ta' karattru.

L-intimat, minkejja li hu debitament notifikat bl-atti tal-kawza odjerna, baqa' ma prezenta ebda risposta guramentata u ghalhekk huwa kontumaci.

**Il-VERZJONI TAL-ATTRICI**

Ir-rikorrenti, permezz tal-affidavit taghha prezentat bil-lingwa Ingliza[2], tghid li giet hawn Malta fis-sena 2002 biex tara lil ohtha u lin-neputijiet taghha. Ltaqghet mal-intimat fis-sena 2003 tramite r-ragel ta' ohtu. Tghid li kienu jiltaqghu ghall-kafe' b'mod kazwali u ma damux ma ddecidew li jizzewgu, anke minhabba l-fatt li ma kellhiex hbieb hawn Malta u kienet thossha wahedha. Izzewgu fis-sena 2004 u marru jghixu f'appartament mikri gewwa s-Swieqi. Ghall-ewwel xhur, kollox mar sew sakemm indunaw kemm kienu verament differenti minn xulxin u li l-karattri taghhom ma kienux kompatibbli. Iz-zwieg beda jmur ghall-aghar tant li bdew jargumentaw hafna u bdew jevitaw lil xulxin. Tghid li l-ftit zmien li damu flimkien qabel iz-zwieg ma kienx bizzejjed biex jitghallmu dwar il-karattru ta' xulxin. Irrealizzaw li kienu aktar hbieb milli verament kienu jinhabbu.

Wara ftit zmien, l-intimat beda johrog wahdu u sab lil haddiehor tant li mar jghix maghha. L-attrici tghid li ma baqghetx thobbu, jekk qatt verament kienet, tant li kwazi mill-ewwel accettat il-fatt li mar jghix ma' mara ohra. Hi ghamlet hajja ghaliha wkoll u llum il-partijiet jghixu hajja separati minn xulxin. L-intimat ghandu t-tfal ukoll minn din il-mara li jghix maghha filwaqt li l-attrici ghandha relazzjoni ma' certu Michael.

---

[1] Ara c-certifikat taz-zwieg esebit a fol 5 tal-process

[2] Esebit a fol 17 tal-process

L-attrici tghid li ilha ma tara lill-intimat sa' mis-sena 2010 u tiddikjara li m'hemm ebda possibilita' li jergghu jirrikonciljaw.

**IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM IL-QORTI**

Il-qorti tirrileva li apparti x-xiehda tal-attrici, gie prezentat biss affidavit ta' oht l-attrici stess, Rajaa Mokaddem[3] li kull ma taghmel hu li tikkonferma l-kontenut tal-affidavit tal-attrici pero' ma telabora bl-ebda mod ghal-liema espisodji kienet prezenti jew kif tista' tikkonferma dak kollu illi qalet.

Ir-rikorrenti tipprezenta n-nota guramentata taghha u telenka x'inhuma l-pretensjonijiet taghha f'din il-kawza per' tali nota m'hija kkorraborata bl-ebda dokument.

**DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI**

Rat l-artikolu 66B tal-Kap. 16 u rat illi l-attrici issodisfat ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi biex zwieg jigi mahlul.

Il-qorti, wara li qrat l-affidavit tal-attrici fejn tikkonferma li l-partijiet ilhom separati *de facto* ghal diversi snin, kif ukoll wara li kkunsidrat il-fatt li l-partijiet izzewgu meta prattikament ma kienux jafu lil xulxin, sew hekk kif abbinati mal-fatt li z-zewg partijiet illum ghandhom familji separati u ghandhom ness ma' terzi persuni. Rat illi jidher car li z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli.

**DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Il-qorti tirrileva li r-rikorrenti ma ressqet ebda prova dwar l-assi formanti parti mill-komunjoni. Resqet biss in-nota guramentata taghha fejn tghid li l-kontijiet bankarji taghha ghandhom jigu intestati f'isimha filwaqt li dawk intestati f'isem l-intimat ghandu jigu kkunsidrati bhala l-proprjeta' tieghu. Tiddikjara li m'hemm

[3] Esebit a fol 23 tal-process

ebda assi immobbli u tghid li ma taf bl-ebda dejn gravanti fuq il-komunjoni tal-akkwisti. Dwar l-assi parafernali taghha, ssemmi xi oggetti tad-deheb li tikkontendi li gew moghtija lilha u li fil-fatt
diga` huma fil-pussess taghha. Ghalhekk l-attrici ma rnexxielhiex tipprova it-tielet talba taghha peress illi hija stess iddikjarat illi tinsab fil-pussess tal-beni parafernali kollha taghha.

Illi il-qorti thoss li huwa gust u ekwu fic-cirkustanzi li xxolji l-komunjoni tal-akkwisti b’dan li kull parti ghandha zzomm kwalunkwe kont jew investiment f’isimha proprju. Jekk jirrizulta xi dejn li jirrisali ghaz-zwieg, dan ghandu jigi mhallas unikament u esklussivament minn dik il-parti li tkun ghamlet tali dejn. Il-komparenti mara ghandha zzomm il-gojjellerija li inghatat lilha minn ommha, diga’ fil-pussess taghha u ghal dan il-ghan, il-qorti qieghda tassenja tali gojjellerija lill-istess rikorrenti.

**DECIDE**

Ghaldaqstant u ghal dawn il-motivi, il-qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa’ l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

[2] Tilqa’ t-tieni talba u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet bil-mod kif indikat f’dan il-gudikat taht il-paragrafu ‘Dwar it-Talba Ghax-Xoljiment tal-Komunjoni tal-Akkwisti’;

[3] Tichad it-tielet talba;

[4] Tilqa’ r-raba’ talba u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien xahar millum, jghaddi kopja ta’ din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex tigi registrata skond il-ligi.

Bl-ispejjez jinqasmu b’mod ugwali bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------